MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 60/2003/1

**Austin Camilleri**

**vs**

**Michael Micallef f'ismu proprju u ghan-nom ta' Dormax Press Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Ottubru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-
"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid ghaliex intom konvenuti m'ghandkomx tkun kkunndannati thallsu s-somma ta' tlett mija hamsa u sittin liri Maltin u (Lm365) liema ammont jirraprezenta ammont addizzjonali li l-attur kellu jinkorri sabiex jottjeni s-servizz ossia l-prodott illi intom b'kuntratt stipulat ma' l-istess attur

kontu ftehmtu illi ser toffru lill-attur. Skond il-kundizzjonijiet imnizzla fl-istess kuntratt.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa intom konvenuti diga intom ingunti.

Bl-ispejjes.”

Ra r-risposta:

“Il-konvenut proprio et. nomine jirrespingi l-pretensjonijiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) preliminarjament, karenza ta’ relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut proprio.;

(b) subordinatament, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-ftehim intier bejn l-attur u l-konvenut nomine kien jikkonsisti fl-“order contract” debitament iffirmat kif ukoll f’pattijiet verbali inkluz patt fis-sens li x-xoghol kontemplat fl-“order contract” ma setghax necessarjament isir bil-mezzi ta’ l-konvenut nomine, u f’dak il-kaz l-istess konvenut nomine kellu javza lill-attur malli jinduna b’dan ma’ l-ewwel opportunita, biex b’hekk il-konvenut nomine adempixxa l-obbligu kuntrattwali tieghu meta huwa debitament avza lill-attur b’dan fl-ghoxrin (20) ta’ Mejju elfejn u tlieta (2003).

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni tieghu.”

Sema’ l-provi u t-trattazzjoni tal-avukati difensuri;

Ikkunsidra:

Fl-ewwel lok, jirrizulta bla dubbju li l-konvenut Michael Micallef qatt ma kkuntratta f’ismu personali mal-attur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fit-tieni lok, ghalkemm ma saritx fil-forma ta’ eccezzjoni formali – del resto l-formalitajiet m’humiex inkoraggiti quddiem dan it-Tribunal – gie eccepit li l-attur dam ma baghat id-depozitu a tenur tal-kuntratt u li ghalhekk il-kuntratt gie xjolt. Din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta billi s-socjeta’ konvenuta fil-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet wara l-kuntratt qatt ma ddikjarat li kienet qieghda tikkunsidra l-kuntratt bhala xjolt anzi ghamlet il-preparamenti mehtiega biex tesegwih.

Fit-tielet lok, il-ftehim sar permezz ta’ skrittura, redatta mis-socjeta’ konvenuta, iffirmata miz-zewg partijiet u fih hemm miktub, car u tond, li l-binding – li fuqu nqalghet il-kwistjoni kollha – ghandu jkun **perfect bound.** Din l-iskrittura ghalhekk ma thalli l-ebda lok ta’ ekwivoku kwalsiasi. Issa s-socjeta’ konvenuta qieghda ssostni li ghalkemm saret din l-iskrittura, il-ftehim verbali bejn il-partijiet kien fis-sens li s-socjeta’ konvenuta ma kinitx qed taghti garanzija li kienet kapaci taghmel il-perfect binding ghalkemm kienet sejra taghmel mill-ahjar taghha biex taghmel dan. Fil-fatt ma rnexxiliex.

Jinghad qabel xejn li kemm l-attur kif ukoll ix-xhud tieghu Daniel Cilia jghidu li waqt it-trattativi li wasslu ghall-ftehim miktub, ghalkemm inizjalment kien hemm rizerva da parti tas-socjeta’ konvenuta qabel ma gie ffirmat il-kuntratt, din ir-rizerva tnehhiet qabel gie ffirmat il-kuntratt bejn il-partijiet.

Dak li s-socjeta’ konvenuta qieghda tistieden lil dan it-Tribunal li jaghmel hu li jinjora dak li hemm mitub u jfittex x’kienet l-intenzjoni tal-partijiet. Tabilhaqq, il-Code Napoleon, fl-artiklu 1156 tieghu kien jghid li *on doit dans les conventions rechercher quelle a ete la commune intention des parties contractantes, plutot que s’arreter au sens litteral des termes.* Din id-disposizzjoni, li ghandha l-impronta tal-Pothier, giet ikkritikata mil-Laurent ( Principes de Droit Civil, Vol 16, para 502, pagna 580) ghax donnha timplika li l-interpretu ghandu dejjem ifittex x’kienet l-intenzjoni tal-partijiet anke meta s-sens letterali tal-kliem ma jhalli l-ebda dubbju, b’mod li din l-intenzjoni tigi ppreferuta ghall-ittra tal-kuntratt. Din ma kinitx l-intenzjoni

tal-legizlatur. Domat ifformola din l-ewwel regola ta' interpretazzjoni hafna ahjar : *si les termes d'une convention paraissent contraires a' l'intention des contractants, d'ailleurs evidente, il faut suivre cette intention plutot que les termes (Domat, Lois Civiles, live I, titre 1, sect II, art XI p.23).* Jikkumenta l-Laurent: Qabel kollox, wiehed irid jara jekk it-termini uzati jidhrux kuntrarji ghall-intenzjoni, igifieri jekk ikunx hemm dubbju dwar dak li jkunu riedu l-partijiet. Meta jezisti dan id-dubbju? Meta t-termini tal-kuntratt jaghtu lok ghal interpretazzjonijiet differenti, imma jekk it-termini jkunu cari; jekk ma jhallu l-ebda dubbju, wiehed irid izomm mal-ittra miktuba, ghaliex, f'dan il-kaz ma jkunx hemm lok ghall-interpretazzjoni. Huwa f'dan is-sens li esprimew ruhhom il-ligijiet Rumani (L.25 4 1, de legat, III (1.XXXII), Demente, t. V., p 112 no 73) u hekk gie miftiehem fid-diskussjonijiet tal-Conseil d'Etat Francais (laqgha tal-11 brumaire au XII no 55 (Locre' t. VI. P 84). Konkordi wkoll dejjem kienu d-dottrina u l-gurisprudenza, skond l-adagju antik: **cum in verbis nulla ambiguitas est, non est movenda voluntatis quaestio.** Jispjega l-Laurent (op cit pagna 581): *la raison on est que l'intention des parties s'exprime par les termes dont elles se servent; quand donc les termes sont claires, l'intention, par cela meme, est certaine; si, dan ce cas, on allait a' la recherche de l'intention clairement manifestee par les parties elles-memes l'intention telle que l'interprete l'etablirait, par des voies plus au moins conjecturales, c'est-a-dire que l'on prefererait a' une intention certaine une intention incertain.* Domat jghid ukoll li dan ma jfissirx li l-imhallef ghandu dejjem joqghod ghall-ittra tal-kuntratt: *quand il est evident que les termes dont les parties se sont servies ne repondent pas a' leur pensee, il faut certainement s'en tenir a' l'esprit de preference a' la lettre.* L-ewwel Kodici Taljan kien jixbah lill-Code Napoleon. Artiklu 1131 tieghu kien jghid: *Nei contratti se deve indagare quale sia stata la comune intenzione delle parti contraenti, anziche' stare al senso letterale delle parole.* Dan l-artiklu huwa riproduzzjoni ta' framment ta' Papinjanu, il-princep tal-guriskonsulti Rumani: **in conventionibus contrahentium voluntatem potius quam verba spectari piacuit (fr. 219, D. de verb. Significatione L 16).** Imma, kif jghid Guido Lomanaco

(delle Obbligazioni, Vol 1, pagna 250) biex wiehed ma jaqax fi zbalji deplorevoli, wiehed irid jifhem ezattament it-tifsira kemm tal-artiklu 1131 kif ukoll tal-framment ta' Papinjanu:

Quando si tratta della interpretazione della legge, e' indubitato che si deve procedere alla medesima anche quando la legge sia chiara. Ben e' vero che Giustiniano e Napoleone ritennero il contrario; ma il loro avviso non puo' essere seguito. Il precetto del legislatore si deve applicare non solo alle relazioni giuridiche espressamente contemplate, ma eziandio a tutte le altre relazioni giuridiche, che sono analoghe a quelle di cui il legislatore si e' specialmente occupato. La interpretazione, dice benissimo il Laurent, e' una necessita' permanente, qualunque siano i perfezionamenti della legislazione (V. LAURENT, *Principes de droit civil, I, 270*). Quando pure il legislatore potesse contemplare espressamente tutte le relazione giuridiche che si sono avverate sino al momento della promulgazione della legge, immediatamente dopo questa promulgazione sorgerebbero delle nuove relazioni. Per applicare la legge esistene a queste relazioni, sorte dopo la promulgazione della legge (*ad casus postnatos, qui in rerum natura non fuerunt tempore legis latae,* direbbe Bacone), sara' sempre necessaria l'opera dell'interprete.

Invece, in tema d'interpretazione di un contratto, non vi ha luogo ad interpretazione, se non quando i termini del contratto sono oscuri ed ambigui. Soltanto allora l'autorita' giudiziaria ha il diritto, e nel medesimo tempo il dovere, di far prevalere la intenzione comune delle parti al senso letterale delle parole, quando queste parole offrono dell'oscurita', dell'ambiguita'. – Troviamo in proposito nelle fonti due frammenti, dove e' stabilito questo principio: "In ambiguis orationibus. – Quod factum est, *cum in obscuro sit*, ex affectione cuiusque capit interpretationem (Fr. 96, D. *de regulis juris*, L. 17. – Fr. 168, D. *Ibidem*).

Noteremo col Demolombe, che sarebbe un abuso ferace di conseguenze tristissime, il sostituire un'interpretazione

piu' o meno divinatoria al senso netto e preciso che presentano i termini stessi del contratto (V. DEMOLOMBE, XXV, 4). Diceva il giureconsulto Marcello: "Non aliter a significatione verborum recedi oportet, quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem" (Fr. 69, pr. D. *de legatis*, III, XXXII). Questo principio enunciato dal giureconsulto romano in tema di testamenti, riceve senza dubbio la sua applicazione anche in tema di contratti. Come non e' lecita la inosservanza dei supremi voleri del morente, cosi' non deve esser lecito di contrastare la volonta' chiaramente espressa dalle parti contraenti.

E, quando si da' uno sguardo ai lavori preparatori del Codice francese, si legge una dichiarazione fatta in proposito dal Bigot-Preameneu, nel Consiglio di Stato. Rispondendo alle osservazioni del Defermon, egli disse che la regola, doversi indagare la comune intenzione delle parti anziche' stare al senso letterale delle parole, era stabilita per caso *ou' les termes expriment mal l'intention des parties* (V. TOULLIER, Ibidem).

Il-ligi taghna hija espressa b'mod iktar preciz u iktar konformi mal-hsieb tal-legizlatur u ma dak li gie stabbilit kostantement mid-dottrina u l-gurisprudenza: Hekk Artiklu 1002 ta' Kap 16 jistipula li **meta l-kliem ta' konvenzjoni… hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.** Imbaghad artiklu 1003 jghid li **meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, <u>kif ikun jidher car mill-pattijiet mehudin kollha flimkien,</u> ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet.** Ghalhekk hija konsentita l-interpretazzjoni biss jekk <u>mill-kumpless tal-kuntratt innifsu</u> ikun jidher ovvju li l-partijiet ma jkunux riedu tabilhaqq ifissru dak li kitbu. Imma, min-naha l-ohra, *meta l-kontraenti jkunu taw espressjoni bil-kitba tal-volonta' taghhom l-ebda ingerenza ma hi tollerabbli biex timla l-lacuna ta' dak li wiehed mill-kontraenti seta kellu* ***in forma mentis*** *izda li b'danakollu ma gietx ukoll hekk minnu espressa (* Prim'Awla, Paul Camilleri et vs Joseph Glenville et noe et – 28.04.2003 Imhallef Philip Sciberras).

Intqal ukoll mill-Qorti tal-Appelli Civili (Inferjuri) in re **Clemintino Caruana et vs Emmanuela Agius (22.11.2002 – Imhallef Philip Sciberras):**

L-ewwel regola fondamentali ta' l-interpretazzjoni hi dik dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li tghid li meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni. **(Vol XXXIV p1 p27).** L-interpretazzjoni ghandha biss tittiehed mill-att stess, u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relativa ghall- kwistjoni principali (Vol XXXI.i.49).

Regola ohra daqstant importanti ta' interpretazzjoni hi dik li nsibu fl-Artikolu 1003, u cjoe', li meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kif tkun tidher cara mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar din ir-regola gie hekk osservat:-

*"Issa din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju illi s-sens tal-klawsola li jkun jista' biss jigi interpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha. U dan irid jidher car mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien"* – **"John Bartolo et –vs- Alfred Petroni et",** Appell, 7 ta' Ottubru, 1997.

Ben tajjeb, imbaghad, gie senjalat illi "fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jghodd:- **"John Zammit –vs- Michael Zammit Tabone et noe"**, Appell, 28 ta' Frar 1997.

Fl-ahharnett intqal ukoll fid-decizjonijiet **"Giuseppe De Raffaele –vs- Carmelo Calleja"** Appell, 5 ta' Ottubru 1962 u **"Giuseppe Mifsud –vs- Paolo Camilleri"** Appell Civili, 23 ta' Ottubru 1967 illi f'kazijiet simili il-kwistjoni ma

tistax tigi risoluta hlief fuq il-basi tal-kuntratt kif avvalorat b'dik il-pjanta anki jekk din ma tikkorrispondix ezattament ghall-intenzjoni originali tal-partijiet jew ghal xi ftehim verbali li talvolta seta' sar bejniethom jew anki tkun giet konsenjata lill-akkwirent art izjed;

Ghalhekk  ma hemmx raguni sufficjenti li ggieghel lil dan it-Tribunal jinjora t-tifsira espressa, cara u inekwivoka li l-pubblikazzjoni in kwistjoni kellha definittivament tkun **perfect bound.**

Dwar il-quantum tad-danni, dan jirrizulta sodisfacentement ippruvat.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Michael Micallef f'ismu proprju u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta u konsegwentement jilqa' t-talba  tal-attur kif dedotta fl-avviz tat-talba billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta Dormax Press Co Ltd. thallas lill-attur is-somma ta' LM365 danni sofferti mill-attur, bl-ispejjez tal-konvenut Michael Micallef proprio a kariku tal-attur u l-ispejjez l-ohrajn a kariku tas-socjeta' konvenuta Dormax Press Co Ltd."

Is-socjeta` konvenuta Dormax Press Co. Ltd tikkontesta din is-sentenza bl-uniku aggravju konsisenti fi kritika tal-operat tat-Tribunal li ppermetta l-esebizzjoni ta' ricevuta bhala prova wara li l-partijiet kienu ttrattaw il-kawza. Tinsisti li l-koncessjoni akkordata mit-Tribunal lill-attur appellat tal-produzzjoni ta' dan id-dokument f'dak l-istadju tmur kontra kull regola tal-procedura processwali.

Jibda biex jigi osservat illi, kif ripetutament intqal f'bosta decizjonijiet, primarjament l-Att V ta' l-1995, li kkreja t-Tribunal, kien gie mahsub biex jaghti diskrezzjoni lill-istess Tribunal biex dan joqghod fuq konsiderazzjonijiet ta' ekwita` - ara a propozitu l-Art 7(1) tal-Att – u mhux ikun marbut b'parametri strettament legalistici.  F'dan is-sens hi d-decizjoni fl-ismijiet "**Peter Mifsud et -vs- Joseph Camilleri**", Appell mit-Tribunal, 26 ta' Ottubru 2001.

Naturalment filwaqt li l-kriterju ta’ l-ekwita` ma jiskansax lil xi parti milli ggib il-provi idonei biex issostni t-talba jew id-difiza taghha ghall-istess talba, r-rilevanza jew l-awtorizazzjoni taghhom hi mhollija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Gudikatur. Dan salv li jigu salvagwardati d-dettami tal-gustizzja naturali li f’dan il-kaz din il-problema ma tinsorgix tant li ma gie ventilat l-ebda aggravju f’dan is-sens mis-socjeta` appellanti.

Fil-kwadru tad-disposizzjonijiet tal-ligi specjali (Kap 380) din il-Qorti sincerament ma tarax is-serjeta` tal-lanjanza tas-socjeta` appellanti u, anzi, ma jidhrilhiex li t-Tribunal adit kellu jigi, kif qed jigi, rinfaccjat bl-akkuza li qed issirlu li ma osservax ir-regoli procedurali f’dan il-gudizzju.

Jigi rilevat, a skans ta’ ekwivoci, illi skond il-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti l-awtorizazzjoni koncessa mit-Tribunal kemm lill-attur appellat bl-esebizzjoni tar-ricevuta, kif ukoll lill-istess socjeta` appellanti bil-produzzjoni tal-Affidavit ta’ Susan Ciantar, ex-post facto t-trattazzjoni, tirrientra fin-norma procedurali tal-Att fir-ricerka ta’ soluzzjoni prattikabbli u konformi ghall-ispirtu u ghall-iskopijiet objettivi tal-ligi specjali. Ligi din li hi ghal kollox skarna mis-sagramentalita` tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

Dan johrog bil-wisq car mill-ezami tal-Artikolu 9 ta’ l-Att fejn testwalment jinsab provvdut illi:-

(a) il-Gudikatur jirregola l-procedimenti quddiem it-Tribunal skond kif ikun jidhirlu xieraq, attiz il-harsien tal-principji tal-gustizzja naturali (subinciz 1);

(b) l-proceduri jitmexxew sommarjament (subinciz 2(a));

(c) l-Gudikatur jitgharraf b’kull mod li jista’ jidhirlu xieraq u mhux marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova (subinciz 2(b));

(d) l-procediment jitmexxa bil-minimu ta’ informalita` tar-regoli procedurali (subinciz 3).

Ghall-analisi aktar dettaljata fuq din it-tema ara sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet “**Publius Micallef –vs- Sunroute Company Limited**”, 20 ta’ Ottubru 2003.

Hu x’inhu dawn il-provvedimenti tal-ligi specjali huma bizzejjed cari u zgur li ma jirrikjedux interpretazzjoni aktar estensiva jew ezawrjenti minn dak tal-kontenut tal-istess kliem taghhom.

Anke kieku pero` din il-Qorti kellha tissofferma biex tikkonsidra l-agir tat-Tribunal f’dan il-kaz l-istess din il-Qorti ma ssibx li l-Gudikatur ma agixxiex bhala “bonum vir” meta ppermetta liz-zewg partijiet li jikkonkludu l-provi taghhom anke wara li saret it-trattazzjoni. Dan proprju fil-harsien ta’ dak il-principju ekwitattiv sostrat tad-determinazzjoni tal-gudizzji quddiem dan it-Tribunal specjali.

Tajjeb li wiehed dejjem ifakkar illi gja fi zmenijiet ohra, u dan fil-kaz ta’ procedimenti ordinarji taht il-Kap 12, kienu jahsbu u jsostnu illi l-formalizmu u r-rigorizmu esagerat fil-proceduri gudizzjarji gie abbandunat bhala “il sistema proprio dell’infanzia del diritto” (“**Xuereb utrinque**”, Appell Civili 2 ta’ Jannar 1883; “**Scicluna -vs- Cardona**”, Appell, 29 ta’ Novembru 1884 u “**Tonna -vs- Chetcuti**”, Appell Civili, 16 ta’ Novembru 1934). Multo magis dan hu hekk il-kaz fil-proceduri specjali quddiem dan it-Tribunal hekk snellit minn kull formalizmu u rigorizmu zejjed.

Biex jinghad kollox, imbaghad, dejjem bl-adoperu tal-istess dritt ekwitattiv, anke in assenza tal-esebizzjoni tar-ricevuta, kien hemm provi dokumentali ohra in atti, bastanti biex it-Tribunal jasal ghall-kwantitattiv tad-dannu reklamat. Manifestament id-dokument esebit a fol 67 komparat mad-dokument a fol 26 kien jaghti indikazzjoni cara bizzejjed tad-differenza fl-ispiza li kellu jinkorri fiha l-attur appellat meta s-socjeta` appellanti naqset milli tadempixxi l-obbligi minnha assunti skond il-kuntratt. Dan naturalment kombinat mad-deposizzjoni tal-istess attur fejn a fol 15 tal-process ikkonferma bil-gurament tieghu illi

kellu jirrikorri ghand printing press ohra (J. DeBono Printing Press Ltd) li maghha ppjazza l-ordni ghall-katalogu u li fi kliemu “irnexxielhom jaghmluh u jaghtuhuli fil-hin” (fol 16).

Anke allura minn dan il-punto di vista l-aggravju ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata tat-Tribunal konfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu sopportati mis-socjeta` konvenuta appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------